

Brussell, 10 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

9308/16

INF 86
API 59

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-Informazzjoni
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8942/16	
Suġġett:	L-erbatax-il rapport annwali tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

1. L-Artikolu 17(1) tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti jistabbilixxi li kull istituzzjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament għas-sena preċedenti.
2. L-abbozz ta' Rapport Annwali għas-sena 2015 jidentifika t-tendenzi u l-karatteristiċi ewlenin ta' talbiet għal aċċess għal dokumenti tal-Kunsill u jirrevedi lmenti lill-Ombudsman kif ukoll sentenzi mogħtija mill-Qrati Ewropej fil-każijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-regolament min-naħa tal-Kunsill. Il-format tar-rapport inbidel u t-tul tiegħu ġie mqassar, minħabba li d-data statistika li tipprovdi l-bażi għar-rapport issa hija disponibbli fil-forma ta' data miftuħa fuq is-sit web tal-Kunsill.
3. Informazzjoni statistika dwar talbiet għal aċċess għad-dokumenti indirizzati lill-Kunsill fl-2015 ġiet ippreżentata lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Informazzjoni fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Mejju 2016.

4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Informazzjoni qabel, permezz ta' proċedura ta' konsultazzjoni informali, mal-abbozz ta' Rapport Annwali kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.
 5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex japprova, bħala punt "A" tal-aġenda tiegħu, l-abbozz ta' Rapport Annwali.
-

RAPPORT ANNWALI TAL-KUNSILL DWAR L-AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI - 2015¹

SETT TA' DATA MIFTUĦA HUWA DISPONIBBLI FUQ IS-SIT WEB TAL-KUNSILL

F'April 2016, il-Kunsill ippubblika s-sett ta' data miftuħa dwar it-talbiet għal aċċess għad-dokumenti fuq is-sit web tiegħu. Is-sett ta' data huwa disponibbli f'format li jinqara minn magna. Huwa possibbli li wieħed jikkonsulta d-data permezz tal-interface ta' programmar (API), il-punt aħħari tal-SPARQL, jew li jniżżel is-sett tad-data kollu kemm hu f'format zip. Utenti esperjenzati jistgħu jużaw is-sett ta' data biex joħolqu rapporti u statistika personalizzata. Ser tkun disponibbli wkoll magna tat-tiftix faċli għall-utent minn Lulju 'l quddiem.

Żewġ settijiet ta' data addizzjonali ġew ippubblikati wkoll bħala data miftuħa, jiġifieri l-metadata tar-reġistru pubbliku ta' dokumenti tal-Kunsill u r-riżultati tal-votazzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi. It-tliet settijiet ta' data huma disponibbli fuq is-[sit web tal-Kunsill](#) u fuq il-[Portal tad-Data Miftuħa](#) tal-UE.

TALBIET GĦAL AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI FL-2015

Ir-reġistru pubbliku

Ir-reġistru jattira madwar 10% tat-traffiku fis-sit web tal-Kunsill. Fl-2015, ir-reġistru ġie kkonsultat aktar minn 350 000 darba. Il-162 000 viżitatur tiegħu waslu fir-reġistru permezz ta' magni tat-tiftix tal-web (36%), ġew ridiretti minn sit web ieħor (30%) jew għandhom l-indirizz tar-reġistru bookmarked (31%). Madwar terz tal-viżitaturi ġew mill-Belġju, 10% ġew mill-Ġermanja u 8% mir-Renju Unit.

Fil-31 ta' Diċembru 2015, ir-reġistru pubbliku elenka 344 628 dokument bil-lingwa oriġinali (2 492 257 dokument fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha). Min-numru totali ta' dokumenti bil-lingwa oriġinali elenkati fir-reġistru, 69% huma publiċi u disponibbli biex jitniżżlu elettronikament, jiġifieri 238 340 dokument.

¹ Dan ir-rapport ġie mfassal skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (OJ L 145, 31.5.2001, p. 43), li jipprevedi li "*Kull istituzzjoni għandha tippubblika ta' kull sena rapport għas-sena ta' qabel inklużi n-numru ta' każijiet fejn l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal dokumenti, ir-raġunijiet għal dawn ir-rifjuti u n-numru ta' dokumenti sensittivi mhux reġistrati fir-reġistru*".

Matul l-2015 ġew miżjuda 35 010 dokumenti fir-reġistru, li 81% minnhom, jiġifieri 28 270 dokument, issa huma pubbliċi u disponibbli biex jitniżżlu elettronikament. Fl-2015, il-Kunsill ħareġ 19 506 dokumenti pubbliċi maċ-ċirkolazzjoni, ħareġ 14 400 dokument LIMITE u żied fir-reġistru 725 dokument parzjalment disponibbli għall-pubbliku. Il-Kunsill ħareġ ukoll 634 dokument klassifikat² li 382 minnhom huma elenkati fir-reġistru u 252 ma ġewx inklużi.

Talbiet għal aċċess għad-dokumenti

Fl-2015, il-Kunsill irċieva 2 784 talba inizjali għal aċċess għad-dokumenti u 24 applikazzjoni konfermatorja, li jeħtieġu l-analiżi ta' 12 102 dokumenti. Fl-istadju inizjali, ingħata aċċess sħiħ għal 9 277 dokument u aċċess parzjali għal 1 094 dokument. L-aċċess ġie miċħud għal 1 731 dokument. Fir-rigward ta' applikazzjonijiet konfermatorji, ingħata aċċess sħiħ għal 23 dokument u aċċess parzjali għal 38 dokument. Il-Kunsill żamm ir-rifjut ta' 66 dokument.

Matul il-perijodu kopert minn dan ir-rapport, il-Kunsill ħareġ 8 670 dokument legiſlattiv³ li 3 115 minnhom inħarġu bħala pubbliċi maċ-ċirkolazzjoni. Mil-5 555 dokument legiſlattiv li jifdal li nħarġu bħala LIMITE (b'referenza fir-reġistru iżda mhux direttament aċċessibbli), 4 683 dokument ġew magħmula pubbliċi fuq talba, rata ta' rilaxx ta' 84%.

Fl-istadju inizjali, id-dokumenti ġew miċħuda l-aktar sabiex ikun protett il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill (587 darba, 45%), ikun protett l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali (244 darba, 19%) u fir-rigward tas-sigurtà pubblika (47 darba, 4%). Fi 28% tal-każijiet (362 darba), id-dokumenti ġew miċħuda billi ġew ikkombinati diversi eċċezzjonijiet. Il-protezzjoni tad-data personali kienet ta' sikwit l-eċċezzjoni l-aktar użata sabiex tiġġustifika aċċess parzjali (317-il darba, 29%).

Fl-istadju konfermatorju, id-dokumenti ġew miċħuda prinċipalment sabiex ikun protett l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali (23 darba, 35%) u sabiex ikun protett il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill flimkien ma' eċċezzjoni oħra (41 darba, 62%). Il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet flimkien ma' raġuni oħra kienet ukoll ta' sikwit l-eċċezzjoni l-aktar użata sabiex tiġġustifika aċċess parzjali (24 darba, 63%).

² Kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

³ Kif definit fl-Artikolu 12 tar-Regolament 1049/2001, dokumenti legiſlattivi huma dokumenti miktuba u/jew irċevuti matul proċedura legiſlattiva.

Is-Segretarjat Ġenerali ħa medja ta' 16-il jum ta' xogħol biex jipproċessa talbiet inizjali u 29 jum ta' xogħol biex jipproċessa applikazzjonijiet konfermatorji. L-iskadenza ta' 15-il jum ta' xogħol biex jiġu pproċessati talbiet inizjali ġiet estiża għal 671 talba, jiġifieri, f'24% tal-każijiet. Għal applikazzjonijiet konfermatorji, l-iskadenza ġiet estiża għal 22 minn 24 applikazzjoni konfermatorja.

It-tabelli fl-anness jagħtu aktar dettalji dwar it-talbiet għal aċċess għad-dokumenti.

ILMENTI LI TRESSQU QUDDIEM L-OMBUDSMAN EWROPEW U AZZZJONI LEGALI

Ilmenti li tressqu quddiem l-Ombudsman Ewropew

Ilment 2049/2014/NF tat-8 ta' Jannar 2015

Dan l-ilment kien jikkonċerna rifjut mill-Kunsill Ewropew li jingħata aċċess pubbliku għal żewġ dokumenti relatati mal-ħidma tat-task force stabbilit fl-2010 biex tissaħħa il-governanza ekonomika madwar l-UE. Fit-tweġiba tiegħu għat-talba konfermatorja tal-applikant, il-Kunsill Ewropew sostna li l-pubblikazzjoni tad-dokumenti ddgħajjed il-protezzjoni tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Membru u l-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni.

Wara li spezzjonat id-dokumenti rilevanti, l-Ombudsman kienet tal-fehma preliminari li l-kontenut tagħhom ma kienx jidher li hu sensittiv daqs kemm iddikjarat mill-Kunsill Ewropew, partikolarment meta jitqies il-fatt li d-dokumenti kienu tfasslu fl-2010. Sussegwentement, il-Kunsill Ewropew ikkunsidra mill-ġdid il-valutazzjoni tiegħu u rrilaxxa ż-żewġ dokumenti lill-ilmentatur. Bl-ittra tagħha tas-16 ta' Marzu 2016, l-Ombudsman għalqet il-każ tagħha, billi kkonkludiet li l-Kunsill Ewropew kien solva l-kwistjoni u b'hekk issodisfa lill-ilmentatur.

Ilment 1011/2015/TN tat-13 ta' Lulju 2015

Dan l-ilment kien dwar ir-rifjut tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li jagħti aċċess pubbliku għall-opinjonijiet dwar l-idoneità ta' Stati Membri kandidati biex iwettqu d-dmirijiet ta' mħallef u ta' avukat ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja u fil-Qorti Ġenerali tal-UE. Dawn l-opinjonijiet tħejjew minn bord ta' esperti u jintużaw mill-Istati Membri meta jiddeliberaw dwar l-idoneità ta' xi kandidat. Il-Kunsill inizzjalment irrifjuta l-aċċess għall-opinjonijiet bl-argument li d-dokumenti kienu ta' natura intergovernattiva u għalhekk mhumiex koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001.

L-Ombudsman fetħet inkjesta dwar din il-kwistjoni, fejn fl-opinjoni preliminari tagħha stabbilixxiet li r-Regolament 1049/2001 kien japplika għad-dokument ikkonċernat mit-talba għal aċċess pubbliku. Fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill spjega li kien evalwa mill-ġdid il-prattika tiegħu u kkonkluda li r-Regolament 1049/2001 kien japplika wkoll għal dokumenti miżmuma mis-Segretarjat Ġenerali tiegħu meta jwettaq kompiti ta' appoġġ lil diversi korpi u entitajiet intergovernattivi, inkluż dokumenti li joriġinaw minn dan il-bord.

Permezz tad-deċiżjoni tagħha tal-4 ta' Mejju 2016, l-Ombudsman għalqet l-inkjesta tagħha dwar il-kwistjoni, fejn ikkonkludiet li l-Kunsill, billi bidel il-politika tiegħu, kien ħa passi biex isolvi l-kwistjoni.

Ilment 916/2015/OV tat-22 ta' Lulju 2015

Dan l-ilment kien jikkonċerna r-rifjut tal-Kunsill li jagħti aċċess pubbliku sħiħ għal ħames dokumenti dwar ir-riżultati operattivi tal-operazzjonijiet konġunti Mos Maiorum, Aphrodite u Perkūnas. L-ilmentatur allega li l-Kunsill kien żbalja meta rrifjuta li jagħti aċċess pubbliku għad-dokumenti kkonċernati billi invoka l-ħtieġa li jipproteġi l-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika u r-relazzjonijiet internazzjonali. Wara l-ispezzjoni tad-dokumenti rilevanti, l-Ombudsman kienet tal-fehma li l-Kunsill seta' jikkunsidra li jagħti aċċess parzjali ulterjuri għal ċerti partijiet tad-dokumenti.

Fit-13 ta' Mejju 2016, il-Kunsill informa lill-Ombudsman u lill-ilmentatur li huwa kien ivvaluta mill-ġdid id-dokumenti mitluba biex iqis iż-żmien li jkun għadda mill-operazzjonijiet imsemmija hawn fuq u x-xejriet li jinbidlu tal-migrazzjoni fl-Ewropa. Wara l-valutazzjoni mill-ġdid tiegħu, il-Kunsill wasal għall-konklużjoni li seta' jingħata aċċess sħiħ għal żewġ dokumenti minn dawk mitluba (6224/13 ADD 1 u 6224/13 ADD 2) u seta' jingħata aċċess parzjali estiż għal żewġ dokumenti oħra (5474/15 u 6224/13). Madankollu, il-Kunsill żamm il-valutazzjoni tiegħu li ebda aċċess parzjali ulterjuri ma jista' jingħata għall-ħames dokument (16045/13). Il-Kunsill ikkunsidra li r-rilaxx ta' taqsimiet speċifiċi minn dawn l-aħħar tliet dokumenti xorta waħda jipperikola l-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika u r-relazzjonijiet internazzjonali.

Inkjestta fuq inizjattiva proprja (OI/8/2015/FOR) dwar it-trasparenza fit-trilogi - li tikkonċerna l-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea

F'Mejju 2015, l-Ombudsman Ewropew fetħet inkjestta fuq inizjattiva proprja dwar it-trasparenza fit-trilogi. Fl-ittra tagħha, indirizzata lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, l-Ombudsman talbet lit-tliet istituzzjonijiet biex iwieġbu għal diversi mistoqsijiet dwar l-organizzazzjoni tat-trilogi u l-immaniġġjar tad-dokumenti (abbozzar u aċċessibbiltà). L-istituzzjonijiet ġew mitluba wkoll jagħmlu arranġamenti għat-tim tagħha biex jispezzjonaw żewġ fajls leġislattivi magħluqa fil-qafas tal-inkjestta tagħha: id-*direttiva dwar il-kreditu ipotekarju* (2014/14/EU) u r-*regolament dwar il-provi kliniċi* (536/2014).

Fit-tweġiba tiegħu għall-ittra tal-Ombudsman, il-Kunsill fakkar li l-*organizzazzjoni tal-attività leġislattiva* bħala tali, inkluż l-organizzazzjoni tat-trilogi, ma tistax *tiġi kkunsidrata bħala attività amministrattiva*, iżda għandha titqies bħala aspett essenzjali tal-eżerċizzju tal-prerogattivi tal-leġislatur. Madankollu, il-Kunsill ikkunsidra li l-*immaniġġjar tad-dokumenti*, inkluż dokumenti mħejjija għat-trilogi, ikkostitwixxew *attività ta' amministrazzjoni* li taqa' fl-ambitu tal-mandat tal-Ombudsman u għalhekk awtorizza l-ispezzjoni tad-dokumenti ta' tħejjija relatati maż-żewġ fajls leġislattivi msemmija hawn fuq. Saru spezzjonijiet fit-12 u fl-20 ta' Novembru 2015, rispettivament.

Fil-ħin tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport, il-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda tweġiba mingħand l-Ombudsman rigward din l-inkjestta fuq inizjattiva proprja.

Kawżi tal-Qorti

Permezz tas-**sentenza tagħha tat-18 ta' Settembru 2015 fil-Kawża 395/13 (Samuli Miettinen vs il-Kunsill)**, il-Qorti Ġenerali (is-Seba' Awla) annullat id-Deċizzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013 li tirrifjuta l-aċċess pubbliku sħiħ għad-dokument 12979/12, li jħaddan fih opinjoni tas-servizz legali tal-Kunsill rigward żewġ proposti legiſlattivi.⁴

Dan il-każ kien jirrigwarda l-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess pubbliku stabbilit fl-Artikolu 4(2), it-tieni inċiż, u fl-Artikolu 4(3), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament Nru 1049/2001, dwar il-protezzjoni tal-pariri legali u l-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni.

Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali ma żviluppat l-ebda elementi ġodda partikolari fir-rigward tal-ġurisprudenza preċedenti f'dan il-qasam iżda dehret li kompliet tnaqqas iktar l-użu tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-parir legali, diġà limitata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis- "*sentenza Turco*"⁵. Is-sentenza kkonfermat ukoll il-linja restrittiva ferm meħuda mill-Qorti fil-kawża reċenti "*Access Info Europe*" rigward il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' istituzzjoni tal-UE meta tillegiſla.

Permezz tas-**sentenza tagħha tas-7 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża T-658/14 (Ivan Jurašinović vs il-Kunsill)**, il-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) ċaħdet ir-rikors ippreżentat mill-applikant kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill li tirrifjuta l-aċċess pubbliku sħiħ għall-korrispondenza bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u t-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY) fil-kuntest tal-kawża 'Gotovina' quddiem l-ICTY. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali kienet tal-fehma li r-rifjut tal-Kunsill għall-aċċess sħiħ għall-korrispondenza mal-ICTY kien iġġustifikat għar-raġunijiet tal-hteġa li jiġi protett l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali, kif previst fl-Artikolu 4(1)(a), it-tielet inċiż tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

⁴ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq, u proposta għal regolament dwar abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq rigward l-armonizzazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi fil-qafas ta' servizzi finanzjarji.

⁵ Ara s-sentenza tal-Qorti tal-1 ta' Lulju 2008, l-Iżvezja u Turco vs il-Kunsill, C-39/05 P u C-52/05 P, Ġabra, EU:C:2008:374.

Kawża T-710/14 (Herbert Smith Freehills), li tikkontesta l-legalità tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jiċċad l-aċċess pubbliku għall-posta elettronika mibgħuta minn uffiċjal tas-servizz legali tal-Kunsill matul in-negożjati tat-trilogu dwar fajl legiſlattiv⁶ hija attwalment pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-Kunsill qed jintervjeni b'appoġġ għall-Parlament Ewropew fil-**Kawża T-540/15 (*Emilio De Capitani vs il-Parlament Ewropew*)**. Is-Sur De Capitani ppreżenta rikors quddiem il-Qorti għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tirrifjuta l-aċċess sħiħ għal dokumenti b'diversi kolonni mħejjija għal laqgħat tat-trilogu, fil-kuntest tan-negożjati dwar il-proposta legiſlattiva għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi u t-Taħriġ (Europol). B'mod partikolari, din il-kawża tirrigwarda r-rifjut għall-aċċess għar-raba' kolonna, li tistabbilixxi t-test ta' kompromess maqbul bejn l-istituzzjonijiet, abbażi tal-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament 1049/2001.

⁶ Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jikkonċernaw il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati. Ara wkoll ir-Rapport Annwali tal-Kunsill dwar l-Aċċess għad-dokumenti - 2014, p. 19.

1. Numru ta' talbiet inizjali skont ir-Regolament Nru 1049/2001

2011	2012	2013	2014	2015
2 116	1 871	2 212	2 445	2 784

2. Numru ta' dokumenti rikjести permezz ta' talbiet inizjali

2011	2012	2013	2014	2015
9 641	6 166	7 564	10 839	12 102

3. Dokumenti rilaxxati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fl-istadju inizjali

2011	2012	2013	2014	2015
8 506	4 858	5 951	8 964	10 371
parzjali 1 103	sħiħ 7 403	parzjali 998	sħiħ 3 860	parzjali 867
		sħiħ 5 084	parzjali 776	sħiħ 8 188
			parzjali 1 094	sħiħ 9 277

4. Numru ta' applikazzjonijiet konfermatorji

2011	2012	2013	2014	2015
27	23	25	40	24

5. Numru ta' dokumenti kkunsidrati permezz ta' applikazzjonijiet konfermatorji

2011	2012	2013	2014	2015
59	78	77	225	127

6. Dokumenti rilaxxati mill-Kunsill fl-istadju konfermatorju

2011	2012	2013	2014	2015
41	27	33	159	61
parzjali 15	sħiħ 26	parzjali 17	sħiħ 10	parzjali 29
		sħiħ 4	parzjali 132	sħiħ 27
			parzjali 38	sħiħ 23

7. Rata ta' dokumenti rilaxxati matul il-proċedura kollha (rilaxx sħiħ / rilaxx sħiħ + parzjali)

2011	2012	2013	2014	2015
77%	88,6%	64,9%	81,2%	67,6%
		79,5%	75,9%	84,2%
			77,9%	87,4%

8. Profil professjonali tal-applikanti (talbiet inizjali)

	2011	2012	2013	2014	2015
Soċjetà ċivili	25,8%	27,2%	29,4%	28,5%	27%
Ġurnalisti	3,3%	2,8%	1,8%	4,5%	4,1%
Avukati	10%	9,8%	10%	10,3%	10,3%
Dinja akkademika	37,6%	33,4%	29,2%	31,7%	37,9%
Awtoritajiet pubbliċi (istituzzjonijiet mhux tal- UE, rappreżentanti ta')	5,4%	4,0%	4,4%	3,8%	2,8%
Membri tal-Parlament Ewropew u assistenti	0,9%	1%	0,6%	0,4%	0,9%
Oħrajn	5,3%	6,6%	5,8%	6%	10,3%
Mhux dikjarat	13,5%	16,5%	18,8%	14,8%	6,7%

9. Profil professjonali tal-applikanti (applikazzjonijiet konfermatorji)

	2011	2012	2013	2014	2015
Soċjetà ċivili	19,3%	28,5%	21,8%	27,7%	16,6%
Ġurnalisti	11,5%	9,5%	0%	3,5%	5,6%
Avukati	15,4%	14,3%	13%	31%	33,3%
Dinja akkademika	34,6%	23,8%	43,5%	24,1%	33,3%
Awtoritajiet pubbliċi (istituzzjonijiet mhux tal- UE, rappreżentanti ta')	0%	0%	0%	3,4%	0%
Membri tal-Parlament Ewropew u assistenti	3,8%	4,8%	0%	0%	5,6%
Oħrajn	7,7%	4,8%	4,3%	0%	0%
Mhux dikjarat	7,7%	14,3%	17,4%	10,3%	5,6%

10. Distribuzzjoni ġeografika tal-applikanti (talbiet inizjali)

Pajjiż	2011	2012	2013	2014	2015
Belġju	30,5%	33%	28%	29%	25%
Bulgarija	0,4%	0,1%	0,6%	0,1%	0,3%
Kroazja	0,5%	0,2%	0,2%	0,1%	0,3%
Repubblika Ċeka	1%	0,7%	0,8%	1,8%	0,5%
Danimarka	1%	0,6%	2,1%	2,3%	3,3%
Ġermanja	14,5%	14,6%	18,5%	13,9%	13%
Estonja	0%	0%	0,2%	0,1%	0,2%
Greċja	0,7%	0,5%	1%	0,2%	0,8%
Spanja	3,5%	3,3%	3,3%	3,6%	4,9%
Franza	7,7%	7,3%	5,7%	6%	5,6%
Irlanda	0,7%	1,1%	0,9%	1,4%	1%
Italja	6,3%	5,6%	4,6%	4%	4,1%
Ċipru	0,2%	0,1%	0,2%	0,1%	0,2%
Latvja	0,2%	0,1%	0,2%	0,1%	0,1%
Litwanja	0,1%	0%	0,5%	0%	0%
Lussemburgu	1,3%	1,2%	1,8%	1,6%	0,4%
Ungerija	0,8%	0,2%	0,5%	0,3%	0,2%
Malta	0,2%	0,2%	0,1%	0,5%	0,2%
In-Netherlands	7,6%	5,8%	5%	6,8%	7,3%
Awstrija	1,9%	1,9%	2%	1,8%	1,6%
Polonja	1,6%	2,3%	1,7%	1,5%	1,7%
Portugall	0,9%	0,7%	0,4%	1%	0,5%
Rumanija	0,2%	0,2%	0%	0,4%	0,3%
Slovenja	0,2%	0,1%	0,2%	0,2%	0,2%
Slovakkja	0,3%	0,5%	0,1%	0,1%	0,3%
Finlandja	0,4%	0,6%	1%	1,1%	1,1%
Żvezja	1,3%	1,3%	1,2%	1%	0,8%
Renju Unit	9,2%	11,5%	10,2%	9,6%	9,9%
Pajjiżi terzi	5,9%	4,2%	3,5%	4,1%	4%
Mhux dikjarat	0,9%	2,2%	5,5%	7,1%	12,2%

11. Distribuzzjoni ġeografika tal-applikanti (applikazzjonijiet konfermatorji)

Pajjiż	2011	2012	2013	2014	2015
Belġju	23,1%	38,1%	26,1%	27,6%	38,9%
Bulgarija	0%	0%	0%	0%	0%
Kroazja	0%	0%	4,3%	3,4%	0%
Repubblika Ċeka	0%	0%	0%	0%	0%
Danimarka	3,9%	0%	0%	3,5%	0%
Ġermanja	19,2%	19%	21,7%	6,9%	16,7%
Estonja	0%	0%	0%	0%	0%
Greċja	0%	0%	0%	0%	5,5%
Spanja	3,8%	0%	0%	0%	0%
Franza	7,7%	9,5%	4,4%	6,9%	5,6%
Irlanda	0%	0%	0%	3,5%	0%
Italja	7,7%	0%	4,4%	3,4%	0%
Ċipru	0%	0%	0%	0%	0%
Latvja	0%	0%	0%	0%	0%
Litwanja	0%	0%	0%	0%	0%
Lussemburgu	0%	0%	0%	0%	0%
Ungerija	0%	0%	0%	0%	0%
Malta	0%	0%	0%	0%	0%
In-Netherlands	7,7%	4,8%	8,7%	6,9%	11,1%
Awstrija	0%	0%	0%	6,9%	0%
Polonja	0%	0%	4,3%	0%	0%
Portugall	0%	0%	0%	0%	0%
Rumanija	0%	0%	0%	0%	0%
Slovenja	0%	0%	0%	0%	0%
Slovakkja	0%	0%	0%	0%	0%
Finlandja	0%	0%	4,4%	6,9%	0%
Żvezja	0%	0%	0%	0%	0%
Renju Unit	23,1%	14,3%	4,4%	20,7%	11,1%
Pajjiżi terzi	3,8%	0%	4,3%	0%	0%
Mhux dikjarat	0%	14,3%	13%	3,4%	11,1%

12. Qasam ta' politika tad-dokumenti mitluba

Politika	2011	2012	2013	2014	2015
Agrikoltura, Sajd	3,5%	5%	3%	4,9%	3,6%
Suq Intern	8%	9,7%	11,7%	6,7%	8,3%
Riċerka	0,4%	1%	2,1%	1,1%	0,1%
Kultura	0,2%	0,7%	0,5%	0,4%	0,4%
Edukazzjoni/Żgħażaġħ	0,4%	0,2%	0,6%	0,5%	0,5%
Industrija	0,1%	0%	0,4%	0,3%	0%
Kompetittività	1,4%	1,6%	1,1%	1,1%	0,4%
Enerġija	2,1%	2,7%	2%	1,3%	0,9%
Trasport	1,5%	1,4%	2,6%	3,9%	3,3%
Ambjent	9,1%	7,6%	12,6%	13,1%	8%
Saħħa u Protezzjoni tal-	3,6%	3,5%	4,5%	6,1%	5,2%
Politika Ekonomika u Monetarja	5,9%	6,9%	8,7%	4%	8,5%
Kwistjonijiet ta' Taxxa - <i>Kwistjonijiet Fiskali</i>	12,5%	6,7%	3,7%	4,2%	4,3%
Relazzjonijiet Esterni - PESK	12,8%	10,7%	8,1%	10,6%	12,7%
Protezzjoni Ċivili	0%	0,6%	0,8%	0,6%	0,3%
Tkabbir	1%	1,2%	0,4%	0,4%	0,6%
Kwistjonijiet ta' Difiża u Militari	2,2%	2,7%	2,5%	0,8%	1,4%
Assistenza għall-Iżvilupp	0,1%	0%	0,4%	0,1%	0%
Politika Reġjonali u Koeżjoni Ekonomika/Soċjali	0,1%	0,4%	0,1%	0,3%	0%
Politika Soċjali	2,7%	3,9%	5,2%	5,1%	4,1%
Ġustizzja u Affarijiet Interni	19,5%	18,1%	16,8%	23,4%	27,4%
Kwistjonijiet legali	3,1%	5,4%	5,1%	3,6%	2,2%
Funzjonament tal-istituzzjonijiet	2,4%	2,4%	2,8%	2,8%	3,3%
Finanzjament tal-Unjoni (Baġit, Statut)	0,2%	0,8%	0,4%	0,2%	0,1%
Trasparenza	0,3%	1,2%	0,5%	0,5%	0,5%
Kwistjonijiet ta' politika ġenerali	0,6%	0,7%	1,1%	1,8%	1,6%
Mistoqsijiet Parlamentari	3%	2,5%	0,7%	0,5%	1,1%
Varji	0,2%	0,2%	0,1%	0,2%	0%

13. Eċċezzjonijiet użati għar-rifjut tal-aċċess (stadju inizjali)

Eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2011		2012		2013		2014		2015	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika	93	8,9%	64	5,8%	58	3,8%	35	2%	47	3,6%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' difiża u militari	15	1,4%	18	1,6%	9	0,6%	3	0,2%	22	1,7%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	221	21,2%	226	20,5%	375	24,7%	455	25,8%	244	18,7%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	11	1,1%	0	0%	4	0,3%	0	0%	28	2,2%
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	2	0,2%	2	0,2%	2	0,1%	3	0,2%	3	0,2%
Protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż il-proprjetà intellettwali	0	0%	0	0%	1	0,1%	1	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċedimenti tal-qorti u tal-parir legali	10	1%	7	0,6%	7	0,5%	13	0,7%	11	0,8%
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni	426	40,9%	455	41,3%	556	36,7%	379	21,5%	587	45%
Diversi raġunijiet flimkien jew raġunijiet oħra	264	25,3%	330	30%	503	33,2%	871	49,4%	362	27,8%
Dokument mhux miżmum mill-Kunsill/Awtur ieħor	0	0%	0	0%	0	0%	4	0,2%	0	0%

14. Eċċezzjonijiet użati għar-rifjut tal-aċċess (applikazzjonijiet konfermatorji)

Eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2011		2012		2013		2014		2015	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika	3	15,8%	0	0%	0	0%	1	0,4%	2	3%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' difiża u militari	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	15	78,9%	2	3,9%	20	69%	35	14,6%	23	34,9%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż il-proprjetà intellettuali	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċedimenti tal-qorti u tal-parir legali	0	0%	1	2%	0	0%	3	1,2%	0	0%
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni	0	0%	1	2%	1	3,4%	0	0%	0	0%
Diversi raġunijiet flimkien jew raġunijiet oħra	1	5,3%	47	92,1%	8	27,6%	201	83,8%	41	62%
Dokument mhux miżmum mill-Kunsill/awtur ieħor	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%

15. Eċċezzjonijiet użati biex jiġġustifikaw aċċess parzjali (stadju inizjali)

Eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2011		2012		2013		2014		2015	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika	49	4,4%	44	4,8%	28	3,2%	35	4,6%	33	3%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' difiża u militari	1	0,1%	2	0,2%	5	0,6%	2	0,3%	5	0,4%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	323	29,3%	174	18,8%	57	6,6%	184	24%	105	9,6%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	0	0%	0	0%	1	0,1%	0	0%	2	0,2%
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	35	3,2%	125	13,5%	46	5,3%	64	8,3%	317	29%
Protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż il-proprietà intellettuali	0	0%	0	0%	0	0%	2	0,3%	0	0%
Protezzjoni tal-proċedimenti tal-qorti u tal-parir legali	58	5,2%	18	1,9%	32	3,7%	57	7,4%	22	2%
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni	422	38,3%	334	36,1%	525	60,5%	180	23,5%	295	27%
Diversi raġunijiet flimkien jew raġunijiet oħra	215	19,5%	228	24,7%	173	20%	242	31,6%	315	29%
Dokument mhux miżmum mill-Kunsill/Awtur ieħor	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%

16. Eċċezzjonijiet użati biex jiġġustifikaw aċċess parzjali (stadju konfermatorju)

Eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2011		2012		2013		2014		2015	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika	1	6,7%	3	13%	1	3,5%	0	0%	1	2%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' difiża u militari	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	6	40%	2	8,7%	0	0%	95	72%	12	31,6%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	0	0%	0	0%	1	3,5%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	0	0%	1	4,4%	1	3,4%	2	1,5%	1	2,6%
Protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż il-proprjetà intellettuali	0	0%	0	0%	0	0%	1	0,7%	0	0%
Protezzjoni tal-proċedimenti tal-qorti u tal-parir legali	1	6,7%	1	4,4%	5	17,2%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni	2	13,3%	1	4,3%	15	51,7%	3	2,3%	0	0%
Diversi raġunijiet flimkien jew raġunijiet oħra	5	33,3%	9	65,2%	6	20,7%	31	23,5%	24	63,2%
Dokument mhux miżmum mill-Kunsill/awtur ieħor	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%

17. Numru ta' dokumenti (fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha) imsemmija fir-reġistru pubbliku u numru ta' dokumenti pubbliċi

2011		2012		2013		2014		2015	
1 729 944	1 337 933 (77%)	1 915 737	1 480 557 (77%)	2 076 220	1 583 636 (76%)	2 273 581	1 760 045 (77%)	2 492 257	1 962 312 (78%)

18. Numru ta' dokumenti miżjuda fir-Reġistru pubbliku fl-2015

	Pubbliċi maċ- ċirkolazzjoni	LIMITE	LIMITE magħmula pubbliċi fuq talba	Oħrajn
Leġislattivi	3 115	5 555	4 683	0
Mhux leġislattivi	16 391	8 846	4 080	382

19. Numru medju ta' jiem ta' xogħol biex tingħata tweġiba għal talba għall-aċċess jew għal ilment magħmul lill-Ombudsman Ewropew

	2011	2012	2013	2014	2015
Għall-applikazzjonijiet inizjali	16 (2 116-il talba)	16 (1 871 talba)	18 (2 212-il talba)	17 (2 443 talba)	16 (2 784 talba)
Għall-applikazzjonijiet konfermatorji	29 (27 appl)	28 (23 appl)	26 (25 appl)	27 (40 appl)	29 (24 appl)
Medja ponderata (inizjali + konfermatorji)	16,16	16,15	18,09	17,16	16,11
Ombudsman	32	64	0	12	168

20. Numru ta' applikazzjonijiet bi skadenza estiża - Art 7(3) u 8(2)

	2011	2012	2013	2014	2015
Applikazzjonijiet inizjali	513 minn 2 116, 24,2%	452 minn 1 871, 24,2%	587 minn 2 212, 26,5%	589 minn 2 445, 24,1%	671 minn 2 784 24,1%
Applikazzjonijiet konfermatorji	24 (minn 27)	20 (minn 23)	21 (minn 25)	39 (minn 40)	22 (minn 24)